# KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TNAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru, 2002 fl-4.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (5.30pm) |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skużat: | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 1 | | |

**AĠENDA**

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Sejħa ta' Offerti.
4) Festi tal-Milied.
5) Żjara Cassino - Diskussjoni dwar il-Ġemellaġġ u xiri ta' souvenirs.
6) Kalendarju 2003 / Magazine.

### 12 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

12.(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva nem con il-Minuti kif ġew ippreżentati.

*12.(1).2 Arising mill-Minuti*

*Sala San Mikiel*

Il-kuntatti għadhom għaddejin.

*Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori*

Għad trid tinsab ġurnata li fiha dawn ikunu jistgħu jattendu.

*Ground tal-Futbol*

Għad ma' hemmx żviluppi oħra fuq 5-aside ground għalkemm għadha qed issir il-ħidma minn kulħadd.

## 12(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*11.(2).1 Silvar Construction & Services Ltd (24 / 10 / 2002)*

Saret laqgħa fil-Kunsill ma' dan il-kuntrattur dwar pendenzi ta' ħlasijiet billi l-Kunsill permezz tal-Contract Manager qed jikkontesta il-validita tax-xogħol kif ukoll l-ammonti mitluba dwar ix-xogħol li diġa' sar u l-perċentaġġ tal-*Contract Management fee*.

*12.(2).2 L-Onor. Francis Zammit Dimech (25 / 10 / 2002)*

Saret laqgħa mal-Ministru Francis Zammit Dimech flimkien mal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera fejn ġie mfisser lill-Ministru d-diversi problemi li għandhu dan il-Kumitat.

*12.(2).3 Seminar Euro Med (26 / 10 / 2002)*

Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Reno Chircop, is-Sinjura Irene Purkiss membru f'Sotto Kumitat tal-Kunsill u s-Sinjuri Joseph Degiorgio u John Bonello mill-Banda Queen's Own, attenda għal dan is-Seminar fil-lukanda Phoenicia.

Dan is-Seminar kien dwar inizjattivi li jistgħu jibbenefikaw minnhom l-għaqdiet fosthom dawk taż-żgħażagħ. Kien hemm bdil ta' idejat bejn il-pajjiżi tal-Mediterran u dawk fl-Ewropa ta' fuq.

Is-Sindku wera l-ħsieb li jistieden lill-kordinatur Giovann Buttigieg sabiex jagħti aktar tagħrif fil-Kunsill.

*12.(2).4 Bord ta' l-Għażla (29 / 10 / 2002)*

Saret laqgħa tal-Bord tal-Għażla biex jiġu miflija l-offerti mitfugħa dwar kuntratti li ħareġ il-Kunsill. (Ara rapport mehmuż)

Wara tlett sigħat ta' diskussjoni il-Bord qabel li jerġa' jiltaqa' nhar il-5 ta' Novembru 2002 fil-5.00pm biex jiffinalizza l-għażla.

*12.(2).5 Ħarġa Kulturali għall-Anzjani (30 / 10 / 2002)*

Il-Kunsill organiżża ħarġa Kulturali għall-Anzjani fejn dawn l-Anzjani ġew mistiedna mill-Kunsill Lokali Taż-Żurrieq biex iżuru l-Mitħna tax-Xarolla u postijiet storiċi oħra fiż-Żurrieq.

*12.(2).6 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (30 / 10 / 2002)*

Is-Sindku attenda għal-laqgħa ta' dan il-Kumitat fejn ressaq diversi talbiet u proġetti pendenti li għandhu dan il-Kunsill. Ġie kkonfermat li x-xogħol fuq id-daħla ta' l-Isla li sejjer jibda fil-bidu ta' Diċembru 2002.

*12.(2).7 Librerija Pubblika fil-Lokal ( 31 / 10 / 2002)*

Is-Sindku kellu laqgħa mas-Sur Philip Borg, Direttur tal-Libreriji Pubbliċi. Ġie diskuss l-għajnuna li dan id-Dipartiment jistgħa jagħti biex tiġi atrezzata aħjar il-Librerija Pubblika li ser tiġi trasferita fl-Uffiċċju l-antik tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru.

Ġie propost li tintbagħat ittra lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni l-Onor. Louis Galea biex il-Kunsill jingħata għajnuna in kind biex dan il-proġett isir.

Is-Sur Philip Borg offra li jibgħat uffiċjal mid-Dipartiment tiegħu biex jagħti parir lill-Kunsill kif għandhu jsir dan it-trasferiment wara li dan il-fond jiġi devolut lill-Kunsill Lokali.

*12.(2).8 "Environment Protection Towards National Action Plan" ( 01 / 11 / 2002)*

Is-Sindku attenda għal dan is-seminar li nżamm fir-Radisson Hotel San Ġiljan. Ġew diskussi l-proposti tal-Gvern kif jistgħu jiġu melgħuba d-diffikultajiet ambjentali fil-pajjiż.

*12.(2).9 Contract Manager - Kunsill (04 / 11 / 2002)*

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Contract Manager dwar it-talbiet pendenti ma' Silvar Construction & Services Ltd u li l-Kunsill qed jikkontesta dwat l-ammonti mitluba.

*12.(2).10 Ħajt fi Triq Is-Sirena (04 / 11 / 2002)*

Is-Sindku ġie nfurmat mill-Perit Bonnici li x-xogħol fuq dan il-ħajt ser jibda ma' jdumx u li dan ser isir għas spejjeż tal-Gvern Ċentrali.

*12.(2).11 Xogħol fil-Fond ta' Misraħ 4 ta' Settembru ( 05/ 11 / 2002)*

Wara l-laqgħa li kienet saret mas-Sur Philip Borg, Direttur tal-Libreriji Pubbliċl, is-Sur Frans Caruana għamel spezzjoni f'dan il-fond u ġie propost x'jista jsir u li jekk il-Kunsill jixtri l-Materjal d-Dipartiment lest li jaħdem l-ixkaffar meħtieġ.

Sar qbil li wara li jsir it-tibdil strutturali meħtieġ, terġa ssir żjara minnhom biex jiġi ppjanat eżattament x'għandhu jsir.

*12.(2).12 Konferenza Ġemellaġġi - Nadur, Gozo ( 06 -10 / 11 / 2002)*

Għal din il-Konferenza bit-tema " Il-Ġemellaġġ bejn lokalitajiet f'Malta u l-Italja fil-ħidma tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fil-Mediterran" attendew is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Punti ewlenin kienu :

- Kif jissaħħu l-ġemellaġġ eżistenti.
- Qsim ta' esperjenzi ta' ġemellaġġ u proposti għal titjieb.
- It-tkabbir ta' ġemellaġġ oħra.
- Diskussjoni dwar l-għarfien ta' benefiċċji li hemm f'dinl-inizjattiva.

*12.(2).13 Kor Irlandiż- Donaghdee Male Voice Choir ( 18 / 19 / 10 / 2002)*

Saret żjara minn dan il-Kor fil-lokal fejn wara li ta rappreżentazzjoni fil-Bażilika ta' l-Isla, ġew mistiedna fil-Kunsill għall-bibita fejn ingħataw tifkirit lil xulxin.

Dan il-Kor qed jieħu sehem fl-14 il-edizzjoni tal-Malta International Choir Festival imtella' mill-Malta Tourism Authority.

*12.(2).14 Ħajr lill-Viċi Sindku u l-istaff*

Is-Sindku Joseph Casha wera l-aprezzament tiegħu għall-ħidma li wettaq il-Viċi Sindku, l-Kunsillieri l-oħra u l-istaff sakemm is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu qed jattendu s-Seminar li sar ġewwa Għawdex dwar ġemellaġġi.

*12.(2).15 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-21 ta' Ottubru u l-11 ta' Novembru 2002 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1900/02 Eden Radio*

Il-Familja Ebejer qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex ninfurmaw lil residenti li qed jaħdmu fuq bażi ta' volontarjat fil-kommunita' u li jixtiequ jiġu ntervistati fuq dan ir-radju.

*04/1902/02/I HSBC Bank plc.*

Dan il-bank ma' laqax it-talba tal-Kunsill għal għajnuna finanzjarja biex jiġi pubblikat l-kalendarju karatteristiku 2003.

*04/1918/02/I Kumitat Konġunt Fgura*

Tagħrif minn dan il-Kumitat dwar it-talba mill-Kunsill biex ir-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw fuq bankina fejn huwa ndikat fil-pjanta.

*04/1926/02/I Kummissjoni Nazzonali Persuni B'Diżabilita'*

Il-Kunsill intalab jagħti tagħrif dwar postijiet li fihom jistgħu jitwaħħlu posters u biex tingħata l-għajnuna biex dawn il-posters jitqassmu fil-lokal.

*04/1958/02/I No parking line - Triq Iż-Żewġ Mini*

Saret talba biex il-Kunsill itawwal il-parking lines eżistenti li hemm fil-bidu ta' Triq Iż-Żewġ Mini kantuniera ma' Pjazza Ġorġ Mitrovich.

Il-Kunsill qabel li dawn is-sinjali jibqgħu kif huma issa Iżda ssir barrier madwar il-kantuniera li tinsab fi Triq Iż-Żewġ Mini k/m Triq il-Ħabs l-Antik.

*04/1961/02/I Seminar - " Mill-Ġenituri għall-Ġenituri*

Dan is-Seminar ta' nofs ta' nhar fil-lukanda New Dolmen imtlla' mill-Għaqda Ġenituri ta' l-ikejjel primarji.

Għal dan is-Seminar ser jattendi l-Kunsillier Reno Chircop minħabba li s-Sindku Joseph Casha għandhu mpenji oħra.

*Lorenzo Gafa' Boys' Secondary School*

Saret stedina mill-Iskola Sekondarja Subien Lorenzo Gafa' fil-Birgu biex il-Kunsill jieħu sehem f'seminar li kien ser jorganiżża bit-tema "Il-Kunsill Lokali u sehmu bħala ċittadin fil-lokalita' tiegħek" fis- 7 ta' Noembru 2002. Il-Kunsillier Reno Chircop kellhu jattendi.

*04/1991/02/I Kampanja Ħelsien Nazzjonali*

Il-Kunsill approva li ssir attivita' pubblika fl-Isla minn dan il-moviment fuq l-istess parametri li ngħata l-approvazzjoni lill-Moviment Iva ftit żmien ilu.

*04/1992/02/I Kompetizzjoni tal-muturi fil-Cottonera*

Il-Kunsill laqa' t-talba tas-Sur Burke biex issir Bike & jet ski show fl-Port il-Kbir.

*04/2003/02/I Sponsorship*

Il-familja Tanti tablet sponsorship għat-tifla tagħhom li ser tieħu sehem fil-Worl Kickboxing Associaton Championship. Din ser tirrappreżenta lil Malta fl-Ingilterra fis-17 ta' Novembru 2002. Il-Kunsill qabel li tingħata għajnuna (in kind).

*Laqgħa mal-Kumissarju tal-Pulizija*

Wara talba li kienet saret mill-Kunsill, il-Kummissarju tal-Pulizija stieden lil Kunsill għal laqgħa miegħu fil-Kwartieri Ġenerali fil-Floriana nharl-Erbgħa 13 ta' Novembru 2002 fis-2.00pm.

*04/2055/02/I Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Familja Buhagiar tablet biex tagħmel użu mis-Sala tal-Kunsill għall-preċett tat-tifla fit-23 ta' Ġunju 2003. Il-Kunsill aċċetta.

## 12(3) Sejħa għall-Offerti

l-Sindku qara l-minuti tal-laqgħa tal-Bord ta' l-Għażla li saret nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubr 2002.

*12.(3).1 Kuntratt RC-4 - Ġbir ta' Skart Domestiku*

*Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill (5.30pm) Hija rikużat ruħha għal din id-diskussjoni u deċiżjoni minħabba kunflitt ta' nteress u ħarġet barra mil-laqgħa.*

Wara diskussjoni mill-Kunsill u fuq parir tal-Bord tal-Għażla l-Kunsill approva li dan il-kuntratt ta' xogħol ingħata lill-Koperattiva Indafa Pubblika li fil-preżent qed tagħmel dan ix-xogħol.

Il-Viċi Sindku Walter Ahar ippropona filwaqt li l-Kunsillier Reno Chircop ssekonda l-approvazzjoni ta' dan il-kuntratt. Il-Kunsillier Mario Mizzi kien skużat.

*12.(3).2 Kuntratt BR-4 - Ġbir ta' Skart Goff*

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada l-Kunsill approva b'4 voti favur 0 kontra u 0 astensjonijiet li dan il-kuntratt jingħata lill-Waste Management Strategy Implimentation Department.

*12.(3).3 Kuntratt CM-4 - Contract Management*

Wara diskussjoni fit-tul ibbażata fuq ir-rapport tal-Bord ta' l-Għażla jidher li ma' kienx hemm consensus totali fuq liema mill-kuntratturi proposti mill-bord għandhu jieħu dan il-Kuntatt.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada pproponiet lil Etienne Stanicic pero' billi ma' kienx hemm sekondant il-proposta waqgħet.

Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar il-Kunsill qabel li l-Contract Manager tal-Kunsill għandhu jkun Build & Design Consultants Ltd.

Il-voti kienu hekk : Favur 3, kontra 1.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada tablet li jitniżżlu l-ismijiet, għalhekk il-voti kienu :

Favur Joseph Casha, Walter Ahar u Reno Chircop.
Kontra Charmaine Gerada.

Il-Kunsillier Mario Mizzi ma' kienx preżenti (skużat).

*12.(3).4 Kuntratt PKG-4 - Tindif u Żamma ta' Ġonna u Soft Areas*

Fuq propsta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada l-Kunsill approva nem con li l-offerta ta' Marvic & Sons Ltd hija l-aħjar waħda. Dan kien jaqbel mal-proposta tal-Bord tal-Għażla.

Il-voti kienu hekk : Favur 4 kontra 0.

## 12(4) Festi tal-Milied

Il-Kunsill iddiskuta t-tiżjin tat-toroq għal żmien il-Milied u l-ewwel tas-sena.

Minħabba li din tinvolvi ħafna spejjeż il-Kunsill għadhu qiegħed jaħdem fuq żewġ alternattivi.

1. li jintalab permess lill-Arċipriet biex isir użu mill-armar tal-festa.

2. jew li jsir mill-kuntrattur bl-inqas spejjeż possibbli.

## 12(5) Żjara Cassino - Diskussjon dwar il-Ġemellaġġ u xiri ta' Souvenirs

Il-Kunsill iddisuta l-aħħar tħejjijiet qabel delegazzjoni tal-Kunsill iżżur il-belt ta' Cassino fl-Italja bil-għan li jitwettaq ġemellaġġ ma' din il-belt.

Delegazzjoni mill-Comune tal-Belt ta' Cassino diġa kienu fuq żjara fil-lokal ta' l-Isla f'Awissu li għadda.

## 12(6) Kalendarju 2003 / Magazine

*12.(6).1* Jidher li l-ispejjeż biex isir kalendarju karatteristiku għas-sena 2003 ser ilaħħqu bejn Lm 400 u Lm450.

Il-Kunsill qed jippjana li jġib sponsorship mill-Malta Tourism Authority, Mill-Consortium Port Cottonera u l-Cottonera Waterfront Group kif ukoll mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera. Marina Restaurant, Bank of Valletta u s-Senglea Social Club weghda li jagħti sponsor ta' Lm 30 il-wieħed.

*12.(6).2* *Magazine tal-Kunsill 2003*

Il-Kunsill hu tal-fehma li għas-sena li ġejja joħroġ żewġ ħarġiet tal-Magazine tal-Kunsill, waħda f'Jananr u l-oħra f'Diċembru 2003.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada għandha tieħu ħsieb tiġbor tagħrif dwar printing u spejjeż involuti biex jinħarġ dan il-Magazine.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fid-9.05pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

---

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv